**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**Vs**

**Sabrina Grech**

**Kaz Nru: 215/2019**

**Illum 10 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Sabrina Grech**, detentrici tal-karta tal-identita' numru 255390M:

Akkuzata talli nhar il-25 ta' Gunju 2019 u anka matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga **kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita

moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolarnenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga **erojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolarnenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bieghejt jew xort'ohra ttraffikajt il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kellek fil-pussess tieghek id-droga **kokajina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza

u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

5. Kellek fil-pussess tieghek id-droga **erojina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

6. Aktar talli minghajr awtorita' legali importat, esportat, ittrasportat, xtrat, irceviet, kisbet jew kellha taht il-kustodja taghha flus falsifikati li kienet taf li l-istess kienu falsifikati u dan bi ksur tal-artikolu 188C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Mlata;

7. Aktar talli nqast milli thares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta),

b'digriet moghti mill-Magistrat Dr N.Galea Sciberras LLD datat 11 t'April 2018 li permezz tieghu inti nghatajt il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u li hija kkonfermat l-istess ammissjoni wara li inghatat zmien biex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputata giet akkuzata bir-reat ta' traffikar ta' droga ossija kokajina,herojina u kif ukoll cannabis; bil-pussess aggravat tad-droga kokajina u erojina; li kellha fil-pussess taghha flus iffalsifikati u li kisret il-kundizzjonijiet ta' digriet li permezz tieghu kienet inghatat l-helsien mill-arrest.

L-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha fi stadju bikri tal-proceduri.

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputata[1] jirrizulta li l-imputata kkollaborat bis-shih u mill-ewwel assumiet ir-responsabilta' taghha. Mill-istess jirrizulta li hija ghandha l-vizzju tad-droga u tikkonsma kemm kokajina, erojina u cannabis. Jirrizulta li mal-arrest taghha hija

[1] Dok MAM4 a fol 13 tal-process

kellha madwar 10 grammi kokajina u 10 grammi erojina. Hija ammettiet li tbiegh id-droga ossija s-sustanzi li bihom tinsab addebitata lil terzi sabiex issostni l-vizzju taghha. Tghid li ilha bil-vizzju tad-droga ghal dawn l-ahhar sentejn. Waqt it-tfittxija fil-kamra taghha nstabu wkoll diversi utensili w oggetti bi tracci ta′ sustanza bajda u burner li hija kienet tuza sabiex issajjar il-kokajina li kienet intiza kemm ghall-uzu personali kif ukoll biex tbieghha. Ammettiet ukoll li kellha fil-pussess taghha flus iffalsifikati.

Abbazi tal-provi prodotti ghalhekk, apparti l-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni gew sodisfacjentement ippruvati billi l-elementi li huma rikjesti sabiex tinstab reita′ fl-imputazzjonijiet addebitati gew ippruvati sal-grad rikjest tal-ligi.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni u l-ammont ta′ droga li nstabet.

Fid-dawl ta′ dan kollu u fid-dawl tal-imputazzjonijiet, l-imputata se tigi kkundannata ghal prigunerija effettiva u ghal hlas ta′ multa, izda wkoll li se jinhareg ordni ta′ trattament sabiex fil-frattemp tibda tahdem fuqha nnifisha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 8(e), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i), u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17(f), 18, 188C u 579(2) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal tlett (3) snin

prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hatja ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instabet hatja taghhom – u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

Inoltre a tenur tal-istess artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska ta' l-ammont ta' disat elef ewro (€9,000) li kienu gew imposti fuq l-istess Sabrina Grech inkwantu ghal €500 depozitu u €8,500 bhala garanzija personali permezz tad-digriet moghti fil-11 ta' April, 2018 mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras u dan ghaf-favur il-Gvern ta' Malta. Ghaldaqstant qieghed jigi ordnat ir-ri-arrest tal-istess imputata.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hatja ghal zmien tlett (3) snin bil-ghan li teghleb il-vizzju tad-droga, partikolarment sabiex, jekk tkun idonea, issegwi programm residenzjali.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tikkundanna lill-hatja thallas nofs l-ispejjez tal-esperti nominati fl-Inkjesta Magisterjali jekk talvolta jirrizultaw li huma dovuti billi l-Qorti ddiregiet lill-esperti ma jkomplux bl-inkarigu taghhom b'rizerva ghad-dritt li jithallsu ghax-xoghol li lahqu wettqu.

Tordna l-konfiska tal-flus ipprezentati bhala Dok MAM9 billi huma flus rikavati mill-bejgh tad-droga.

A tenur tal-artikolu 188F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qorti jibghat Dok MAM8 lill-Bank Centrali ta' Malta sabiex jiehdu l-passi mehtiega inkluz id-distruzzjoni tal-istess.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u ezebiti li gew elevati mill-esperti fl-Inkjesta Magisterjali, u dan hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument

ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk hija tikkometti reat jekk ma tobdix id-direzzjonijiet moghtija lilha mill-Ufficjal tal-Probation u professjonisti ohra fi hdan l-istess ufficcju.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**